MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1014/1992/1

**Vincent Mallia, u b'digriet tal-15 ta' April 1995 stante l-mewt ta' Vincent Mallia l-atti gew trasfuzi f'isem Malcolm, Deborah u Giuliana, ahwa Mallia, kif ukoll f'isem Maria Carmela armla minn Vincent Mallia**

**vs**

**John Sammut proprio u l-istess John Sammut u Silvio Sammut fil-kwalita` taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Tal-Blat Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Lulju 1992 li permezz taghha l-attur Vincent Mallia wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tieghu fis-somma ta' hdax-il elf u tmien mitt lira (LM11,800) liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' makkinarju u "spare parts" li huwa biegh u kkonsenja lill-konvenuti jew min minnhom fuq inkarigu u ordni tal-istess;

Illi l-konvenuti interpellati sabiex ihallsu l-ammont minnhom dovut baqghu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' hdax-il elf u tmien mitt lira (LM11,800) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' makkinarju u spare parts lilhom mibjugha u debitament ikkonsenjati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Lulju 1992 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2194/92 u tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar ipprezentat kontestwalment, li baqghu ngunti biex jidru personalment ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti John Sammut u Silvio Sammut nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a bazi tal-Artikolu 2148 (b) [KAP. 16];

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' John Sammut proprio fejn qal:

1. Illi fil-kwalita` tieghu fuq premessa huwa proprio mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa proprio ma kellu l-ebda relazzjoni kummercjali mal-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' John Sammut u Silvio Sammut nomine fejn qalu:

1. Illi fir-rigward tal-makkinarju u cioe` Hymac Excavator is-socjeta` konvenuta m’hijiex il-legittima kontradittrici u dan stante li s-sid originali tal-makkinarju m’huwiex l-attur, izda wiehed Ingliz kunjomu Power u n-negozju dwar l-istess sar mis-socjeta` konvenuta direttament ma’ dan is-sid. L-attur kien biss ha sehem fit-tlaqqiegh tas-sid mas-socjeta` konvenuta, fuq struzzjonijiet tas-sid stess, izda l-flus ghaddew lis-sid, liema pagamenti ma tkomplewx minhabba xoghol rimedjali li kellu jkompli l-istess sid Power;

2. Illi fir-rigward ta’ l-ispare parts, is-socjeta` konvenuta m’hijiex il-legittima kontradittrici u dan stante li qatt ma xtrat u l-anqas gew ikkonsenjati lilha l-istess spare parts;

3. Salv eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Avukat Dottor Nadia O'Flaherty sabiex tiehu x-xiehda u tircievi dokumenti prodotti;

Rat id-digriet tat-8 ta' Awissu 1997 li permezz tieghu ghall-imsemmija assistenta gudizzjarja gie sostitwit l-assistent gudizzjarju Avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

<u>Dwar l-eccezzjoni ta' John Sammut proprio li mhuwiex il-legittimu kontradittur</u>

Il-konvenut John Sammut proprio jsostni li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi fil-kwalita` tieghu personali qatt ma kellu relazzjoni kummercjali ma' l-attur. Din l-eccezzjoni hija fondata. Dan jirrizulta mill-affidavit ta' Vincent Mallia stess li jirreferi ghall-fatt li kien gie mitlub minn Francis Zammit u John Sammut biex id-dokumentazzjoni in konnessjoni mal-garr u konsenja tal-merkanzija u makkinarju akkwistat mill-Ingilterra tigi intestata bl-isem ta' Tal-Blat Company Limited. Fl-istess affidavit jghid inoltre li kien hemm ukoll xoghol iehor li huwa biegh lil tal-Blat Company Limited. Barra minn hekk il-pagamenti akkont li jidher li saru lil Vincent Mallia bic-cekkijiet li jinsabu esebiti a fol. 136 u 137 tal-process, saru mill-imsemmija kumpanija. Minn dan kollu jirrizulta li kienet tezisti relazzjoni kummercjali bejn l-attur Vincent Mallia u s-socjeta` konvenuta Tal-Blat Company Limited izda mhux mal-konvenut John Sammut f'ismu proprju.

Konsegwentement l-eccezzjoni ta' John Sammut li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur qieghed jigi milqugh.

Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta

Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni a bazi ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. Dan jirreferi ghall-"azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut", liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar. L-applikazzjoni ta dan l-artikolu huwa marbut ma' l-artikolu 2160 ta' l-istess Kodici li jghid illi : “Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.” Fil-mori tal-kawza dan l-ezercizzju ma sarx. U dak li xehed John Sammut huwa inkompatibbli ma' din l-eccezzjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi u qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni li s-socjeta` konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici la fir-rigward tal-makkinarju

akkwistat mill-Ingilterra u lanqas fir-rigward ta' l-ispare parts

Rigward il-Hymac Excavator jirrizulta li din giet akkwistata minghand is-socjeta` P. J. Power Plant Spares Ltd. f'Manchester, l-Ingilterra. Mill-provi jirrizulta li l-attur Vincent Mallia gie nkarigat biex jiehu hsieb kollox. Fl-affidavit tieghu Francis Zammit, li fiz-zmien in kwistjoni kien managing director tas-socjeta` konvenuta, jghid li meta kien Londra flimkien ma' John Sammut, l-attur dawwarhom ma' xi bliet biex isibu makkinarju adattat ghall-kumpanija. Meta kien Londra flimkien ma' John Sammut, huwa cempel lill-attur quddiem Sammut u qallu biex jiehu hsieb il-garr tal-merkanzija lejn Malta, il-hlas ta' l-ammonti dovuti in konnessjoni ma' l-istess oggetti, inkluz il-bilanc tal-prezz, freight, insurance, rilaxx tad-dwana, garr ta' merkanzija go l-Ingilterra stess u affarijiet ohra konnessi. John Sammut stess jikkonferma li saru xi pagamenti lill-attur. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-attur kellu kull dritt jistitwixxi dawn il-proceduri kontra s-socjeta` konvenuta sabiex jigi rimborzat tal-pagamenti kollha li huwa ghamel.

Rigward l-ispare parts, nonostante li John Sammut jghid li ma jafx bihom, mix-xiehda ta' min kien managing director, cioe` Francis Zammit, insibu konferma cara u inekwivoka li l-parts rizultanti fid-Dok. VM2 sa VM20 gew akkwistati minnu ghall-kumpanija. Kwantu ghad-Dok. VM21 l-attur xehed li dawn kien akkwistahom John Sammut stess.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet ulterjuri huma wkoll michuda.

Dwar il-mertu

It-talba attrici hija ghas-somma ta' Lm11,800 rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' makkinarju u spare parts li l-attur kien biegh u kkonsenja lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu u ordni ta' l-istess.

L-attur ipprezenta affidavit tieghu kif ukoll ta' Francis Zammit li kien Managing Director tas-socjeta` konvenuta (skond l-istess xhud sal-1991). Huwa esebixxa inoltre

ghadd ta dokumenti immarkati VM1 sa VM50 sabiex jissostanzja l-kreditu pretiz minnu.

Id-dokument VM1 juri invoice datat l-4 ta' Ottubru 1990, ghax-xiri ta’ Hymac 590C (mghammar b’xi accessorji godda) li jammonta ghal Lm6450.26. L-istess invoice juri wkoll lista ta’ spejjes inkorsi ghat-trasportazzjoni u konsenja tal-istess Hymac. Il-kont finali huwa ta’ Lm8105.84.

Id-dokumenti invoices l-ohra jgibu data li f’certi kazi juru illi (skond l-attur) kienu saru ordnijiet ghal oggetti/spare parts antecedenti ghax-xiri tal-Hymac u ukoll wara tali xiri. L-attur jghid (a Fol 91) illi in-negozju mas-socjeta` konvenuta kien “on going” u ma kienx sar f’sena wahda.

Id-dokumenti VM22 sa VM 84 jikkonsistu f’dokumentazzjoni mehtiega ghar-rilaxx tal-Hymac mid-Dwana u xi spejjes inkorsi.

L-attur fl-affidavit tieghu spjega illi huwa agent tad-ditta estera Hyster-Yale Europe Materials Handling Limited u li jahdem ghal diversi ditti ohra esteri ghall-importazzjoni ta' makkinarji ghall-kostruzzjoni ecc. In kontroezami huwa xehed illi ghar-rigward tal-ammont pretiz huwa kien agixxa xi drabi bhala agent, xi drabi bhala commission agent u xi drabi akkont tieghu.

Il-konvenut Sammut da parti tieghu qal illi huwa kien jaf biss dwar ix-xiri tal-Hymac u dwar l-ispare parts ma kien jaf b’xejn. Xehed illi Frans Zammit qatt ma kien semmihom mal-accountant (indikat bhala Jean Pierre Muscat) u “lanqas huma miktubin fl-Accounts.” Sammut pero` naqas milli jgib l-ahjar prova f'dan ir-rigward, cioe` l-accountant u/jew l-accounts tal-kumpanija. Dato ma non concesso li Sammut verament ma kienx jaf bl-ispare parts, Francis Zammit li dak iz-zmien kien managing director ikkonferma li l-invoices iffirmati minnu, ghalkemm mhux kollha necessarjament iffirmati fil-mument tal-konsenja, jirrapprezentaw parts akkwistati ghas-socjeta` konvenuta.

Dwar l-invoice immarkata VM1 mill-provi jirrizulta illi ghalkemm in-negozjar dwar il-prezz kien sar bejn il-konvenuti u s-supplier Ingliz, l-attur kien ha l-inkarigu mhux biss illi jlaqqaghhhom ma' l-istess izda li jimportalhom il-Hymac (kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti) u makkinarju iehor. Mhux kontestat illi dan il-makkinarju kif wasal Malta gie konsenjat lil-lavranti tas-socjeta` konvenuta. Dwar il-kwistjonijiet li nqalghu wara rigward jekk il-Hymac kinitx tiffunzjona tajjeb jew le, ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta hadet xi passi u din il-Qorti mhix tenuta li tidhol f'tali kwistjonijiet.

Dak li jonqos ghalhekk huwa li jigi determinat kemm hu l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lill-atturi. FL-affidavit tieghu l-attur kien qal li l-ammont totali dovut kien ta' Lm13,965.96 u li minn dan l-ammont jridu jitnaqqsu: (1) is-somma ta' Lm1,000 u (2) is-somma ta' GBP 1,500 ekwivalenti ghal Lm900.04. Il-bilanc li jghid li huwa dovut lilu huwa ghalhekk ta' Lm12,065.92 u fic-citazzjoni talab Lm11,800 peress illi ma kienx ikkalkola l-fatturi kollha. Oltre dan jghid li jippretendi kummissjoni fl-ammont ta' Lm2,215.34.

Issa, jirrizulta li t-total tad-dokumenti VM2 sa VM21 huwa ta' Lm5,800.12. Jekk tghodd dan l-ammont ma' dak fid-Dok. VM1 ta' Lm8,105.84, dan igib total ta' Lm13,905.96 u mhux Lm13,965.96. L-attur qal li huwa kien ircieva Lm1,000 kif ukoll GBP 1,500 ekwivalenti dak iz-zmien ghal Lm900.04. John Sammut pero` esebixxa zewg cekkijiet mahrugin fuq il-Bank of Valletta, wiehed datat 15 ta' Settembru 1990 u iehor datat 17 ta' Dicembru 1990, li huma ghal Lm1,000 kull wiehed. Dan ifisser li l-attur kien ircieva akkont tliet pagamenti li jittotalizzaw Lm2,900.04. Il-bilanc dovut ghalhekk huwa:

Lm13,905.96 - Lm2,900.04 = Lm11,005.92.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi (1) tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut John Sammut proprio u tiddikjara li mhuwiex il-legittimu kontradittur, (2) tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta`

konvenuta u tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm11,005.92. Bl-ispejjez kwantu ghall-konvenut John Sammut proprio li jithallsu mill-atturi u kwantu ghas-socjeta` konvenuta li jithallsu 1/10 mill-atturi u 9/10 mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------